**LAQGĦA ANNWALI ĠENERALI – 2017**

It-tlieta u għoxrin laqgħa annwali ġenerali għas-sena 2017 inżammet fis-sala tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex, nhar il- Ġimgħa, 13 ta' Jannar 2017 fis-18.00.

Preżenti:
Is-Sindku Dr Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Josef Schemberi, il-membri Maria Portelli u Marcel Tabone u s- Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

Skuzati:
Il-membri Joe Debrincat, Michel Buttiġieġ u Anthony Briffa.

## Talba

Wara t-talba inqraw u ġew approvati l-minuti tal-laqgħa tas-sena li għaddiet.

## Rapport tas- Sindku

Is-Sindku ressaq rapport dettaljat ta' xogħolijiet li tkomplew u twettqu matul is-sena 2016. Dan ir-rapport jinsab anness.

Is-Sindku ġie mistoqsi rigward il-baġit tal-Kunisll u speja kif jiġu mqassma l-fondi tal-Kunsill.

## Intervent mill- Pubbliku

1. Sar rapport li fi Pjazza Savina qed jidħol l-ilma fil-porpjetajiet privati kemm meta tagħmel ix-xita u anke' xi drabi ġie rappurtat li ma tkunx għamlet xita. Tressqu xi ritratti li ttieħdu waqt li kien qed isir ix-xogħol fi Pjazza Savina. Xi residenti qalu li l-ilma hu pur u jista' jkun li ġej miċ-Ċittadella. Il-Kunsill ser iqabbad il-Perit u l-kuntrattur tal-proġett li sar fi Pjazza Savina sabiex jevalwaw din il-problema.

2. Residenta fi Pjazza Savina qalet li sid il-pompa tal-petrol ta' l-istess pjazza ssottometta applikazzjoni mal-Awtorita' tal-Ippjanar (PA) sabiex jiġi mġedded il-permess ta' din il-pompa. Is-Sindku qal li billi fil-passat il-Kunsill kien oġġezzjona għal dan il-permess, ser jikkonsulta mal-membri tal-Kunsill sabiex finalment jara l-maġġoranza tal-membri taqbilx jekk il-Kunsill għandux joġġezjona.

3. Is-Sindku ġie mistoqsi rigward il-proġett propost rigward l-iskola primarja li għanda tinbena f'parti mill-*playing field*. Il-preżenti ngħataw d-dettalji u anke' nqrat l-istqarrija li l-Kunsill għamel f'dan ir-rigward.

4. Ġie rappurtat li fi Triq Enriko Mizzi u fil-bidu ta' Triq il-Kapuċċini qed ikun hemm ħafna ħmieġ tal-ħamiem. Billi dawn it-toroq huma arterji, ser isir rapport biex jitnadfu l-bankini.

5. Saru rapporti rigward l-istat tal-latrini tar-Rabat. Il-Kunsill ser jara li jagħmel it-tiswijiet neċessarji. Suġġeriment ieħor fuq il-latrini kien sabiex jitnaqqas il-konsum tal-ilma u ssir xi forma ta' *push button*.

6. Sar rapport li qed jintefa skart f'egħlieqi abbanduanti fi Triq il-31 ta' Marzu. Dawn l-egħlieqi jinsabu f'dan l-istat minħabba espropjazzjoni tal-Gvern li trid issir.

7. Rigward Pjazza San Ġorġ tressqu diversi lmenti u suġġerimenti:-
7.1 il-pjazza fiha nuqqas ta' dawl. Is-Sinkdu spjega li meta saret it-talba lill-MEPA u lill-Enemalta, fejn kien tressaq id-disinn tad-dawl, kien ġie aċċett il-*wattage* li hemm fil-preżent;
7.2 m'hemmx *litter bin* fil-pjazza u dak li hemm taħt il-loġġoġ hu privat. Is-Sindku qal li l-problema bil-*litter bins* hi li ħadd ma jkun iridu quddiem il-propjeta' tiegħu;
7.3 it-tined tal-ħwienet m'humiex denji għal Pjazza San Ġorġ. Dawn huma kollha bla permess u dan ma jaqax fil-kompetenza tal-Kunsill. Is-Sindku tenna li Pjazza San Ġorġ u Pjazza Indipendenza huma l-unika żewġ pjazzez li fihom id-delinjazzjoni li tindika x'jista' jsir f'dawn il-parametri.

8. Rigward Pjazza Indipendenza ġie rimarkat li:-
8.1 hawn *litter bin* wieħed biss;
8.2 hemm il-bżonn li ssir senjaletika li turi t-triq għaċ-Ċittadella;
8.3 l-iskart domestiku għandu jinġabar qabel id-9.00 ta' filgħodu.

9. Sar suġġeriment sabiex Pjazza Santu Wistin jsirilha wiċċ ġdid bit-tarmac.

10. Il-Kunsill ġie mistoqsi jekk għandux inċentivi sabiex jiżdied il-kummerċ fiċ-ċentru tar-Rabat. Is-Sindku qal li l-Kunsill dejjem iżomm f'moħħu dan il-fatt u għalhekk kien jorganiżża l-*Christams Village* f'Diċembru fi Pjazza San Ġorġ. Il-proġett tal-ERDF li sar b'fondi tal-Unjoni Ewropea sar kollu fiċ-ċentru tar-Rabat u dan sabiex jiġi nċentivat il-kummerċ fiċ-ċentru ta' Beltna.

11. Il-Kunsill ġie rringrazjat tat-tiżjijn tal-Milied li sar fit-toroq tar-Rabat.

Is-Sindku rringrazza lil minn attedna għal laqgħa li spiċċat fis-17.30.

| | |
|---|---|
| Av. Samuel Azzopardi | Miriam Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |